MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 47/2009

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu fid-9 ta’ Settembru 2000 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A).

Illi l-kunsens ta’ l-attur inkiseb b’qerq da parti tal-konvenuta u dan kif kontemplat fl-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq

id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew iktar ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-konvenuta ghalkemm mhix interdetta jew marida b’mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg kif kontemplat fl-artikoli 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Ghaldaqstant, jitlob l-esponent sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fid-9 ta’ Settembru 2000.

Bl-ispejjez u l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C B fejn din eccepiet:

Illi preliminarjament l-esponenti taqbel li z-zwieg taghha mar-rikorrent iccelebrat fid-9 ta’ Settembru 2000 huwa wiehed null u bla effett, izda dan minhabba tortijiet imputabbli lir-rikorrent, stante li l-kunsens tar-rikorrent kien wiehed vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, u kif ukoll il-kunsens tal-esponenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga da parti tar-rikorrent.

Rat id-dokumenti esibiti u x-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-attur qed jitlob lil din il-Qorti biex tiddikjara null iz-zwieg tieghu ma' C B. L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq diversi kawzali. L-intimata fir-risposta taghha tiddikjara li taqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null, pero' mhux ezattament ghar-ragunijiet li qed jafferma l-attur.

Il-Qorti tibda biex ittenni dak li dawn il-Qrati kellhom okkazjoni jiddikjaraw mijiet ta' drabi.

"F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju." ("Anna Tonna vs Alexander Tonna", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

Mill-ftit provi prodotti f'din il-kawza, il-Qorti tista' mal-ewwel tiskarta kull kap li qed jigi invokat hlief dak kontemplat fl-Art. 19(1)(c) tal-Kap. 255 li jipprovdi testwalment ghan-nullita' f'kaz.

"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."

L-insenjament ta' dawn il-Qrati f'materja ta' qerq gie ampjament spjegat u kkristalizzat fost ohrajn fis-sentenza:

“Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba’ affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. F’dan il-kaz, il-Qorti tara li l-erba’ elementi jissussistu b’mod car.” (Mary Farrugia vs Joseph Farrugia, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fit-13 ta’ Marzu, 1995).

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom f’cirkostanzi anomali ghall-ahhar. L-isfond tar-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet jispjegaha l-attur fl-affidavit tieghu.

“Ghall-habta tal-1998 jew 1999 iltqajt ma’ certu C. Bdejna nohorgu flimkien. Dik il-habta bhala zmien kellna jien 19-il sena u hi 18-il sena. Konna mohh ir-rih it-tnejn li ahna. Konna ghadna tfal. Konna nohorgu flimkien biss biex niehdu pjacir kemm bil-kumpanija ta’ xulxin u kif ukoll intimament. Hadd minnha ma kellu l-intenzjoni li jizviluppa din il-hbiberija f’xi relazzjoni serja. Ghamilna bejn wiehed u iehor erba’ xhur f’din il-hbiberija. Imbaghad waqafna. Pero wara li waqafna xorta wahda bqajna niltaqghu kull meta jfettlilna pero konna t-tnejn nafu illi ma kien hemm l-ebda rabta bejnietna. Konna qisna zewgt ihbieb li llum flimkien u ghada le.

F’dan iz-zmien imbaghad u cioe ghall-habta ta’ Frar tas-sena 2000 niftakar illi C kienet ghamlet gimgha ma tinsab imkien. Dan gara f’perjodu meta ma konniex flimkien pero konna sempliciment nikkomunikaw flimkien bhala hbieb. F’dik il-gimgha pero C kienet qatghat il-kuntatt mieghi u kienet ukoll qatghat il-kuntatt ma’ ommha u missierha fejn kienet tghix. Jien inkwetajt ftit u anke kont cempiltilha fuq il-mobile li kont insibu mitfi, pero peress illi ma kienx hemm relazzjoni bejnietna f’dak il-mument hija kienet libera li taghmel li trid. Pero niftakar illi ommha u missierha kienu inkwetati hafna. Jien lil ommha u missierha kont sirt nafhom.

Naf imbaghad illi l-ghada li kienet ghosfrot kienu gew il-Pulizija ifittxuni. Gew il-Posta tas-Sliema fejn kont nahdem u kienu saqsewni fuq certu D E u F G li kienu harbu mis-SATU. Peress illi jien darba kont mort inzurhom il-Habs flimkien ma' C li kienet habiba taghhom, riedu jkunu jafu jekk kellix xi nformazzjoni dwarhom. Jien ghadtilhom li ma kont naf b'xejn.

Xi tlitt ijiem wara kont irnexxieli nikkuntattja lil C bil-mobile u kont ftehemt maghha biex niltaqghu. Konna iltqajna Paceville u kif iltqajna gew il-Pulizija u arrestaw lil C. Hija stqarret maghhom illi E u G, il-mahrubin, kienu qed jghixu maghha f'appartament mikri f'isimha Paceville. Dawn gew riarrestati.

Eventwalment xi xahar u ftit wara hija qaltli li kienet tqila."

Il-paternita' taz-zewgt itfal (tewmin) giet konfermata mill-Qorti wara accertamenti xjentifici. Il-qerq ezercitat fuq l-attur odjern kien irnexxa sa dak il-punt. Il-Qorti tinnota li l-istess konvenuta, ghalkemm rrispondiet ghall-kawza, ma ghamlet ebda sforz biex b'xi mod tirribatti dak li sostna l-attur, u ghalhekk din il-Qorti ma ssib ebda raguni biex ma temmnux.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn A B u C B, fid-9 ta' Settembru 2000, huwa null u bla effett a tenur tal-Art 19(1)(c) tal-Kap. 255.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------